# Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. DAVID JOSEPH BONNICI (KI. 185587M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**17/10/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Lill | David Joseph Bonnici | Bin Joseph u Nicolina nee Mifsud | Mwieled: 11/04/1987 Zabbar |
| **I.d.** | **185587(M)** | **Res: Blk A, FL 5, Triq Fuq tal- Hawli, Birgu.** | |

**Billi int akkuzat talli** **nhar is- 26/06/2021 ghall- habta ta' 22:00hrs fi Triq Bormla, Zabbar u fl- inhawi tal madwar waqt li kont qed taghmel uzu min vettura CCE653**

1 Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan. Kap 65 Artiklu 15 (1)(a), (3)

2 Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq minghajr polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni. Kap 104 Artiklu 3 (1)

**Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas sewqan.**

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta’ PS 2379 S. Zammit (affidavit), Stephen Cachia (għal Transport Malta bil-mezz tal-affidavit) u Kenneth Pace (għal Transport Malta bil-mezz tal-affidavit).

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Jirriżulta mill-affidavit ta' **PS 2379 S. Zammit** illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat twaqqaf minn dan l-uffiċjal filwaqt li kien qed isuq il-vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni CCE653. Ix-xufier stqarr mal-uffiċjal li huwa kien għadda mit-test tas-sewqan f'April 2021 pero' ma kienx ħallas il-liċenzja.

2. Mill-affidavit ta' **Kenneth Pace** jirriżulta illi l-imputat għadda mill-eżami prattiku tas-sewqan fl-4 ta' Marzu 2021 u li mar iħallas il-pagament dovut biex tinħariġlu liċenzja tas-sewqan proviżorja fit-28 ta' Ġunju 2021 ossia' jumejn wara d-data tal-allegat reati.

3. Mill-affidavit ta' **Stephen Cachia** ġie kkonfermat illi fid-data tal-allegat reati l-imputat ma kellu l-ebda kategorija ta' liċenzja tas-sewqan u li dan ottjena liċenza proviżorja fit-28 ta' Ġunju 2021. L-ewwel imputazzjoni għalhekk tirriżulta ppruvata.

4. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni id-difiża ppreżentat ċertifikat tal-polza tal-assigurazzjoni li juri li fis-26 ta' Ġunju 2021 il-*policyholder* ossia' ċertu Joseph Bonnici (KI. 224053M) u kwalsiasi persuna 'l fuq minn 25 sena seta' jsuq il-vettura in kwistjoni. Madanakollu hija ġurisprudenza assodata tal-Qorti tal-Appell Kriminali[1] illi s-sewwieq li jkun akkużat bir-reat ravviżat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 irid jipprova illi huwa kien **personalment** kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura minnu. Ġaladarba l-imputat ma kellux liċenzja tas-sewqan jirriżulta illi filfatt huwa personalment ma kienx kopert. Għaldaqstant anke din it-tieni imputazzjoni tirriżulta li ġiet ippruvata.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, il-Qorti issibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tikkundannah iħallas multa fl-ammont totali ta' elfejn u erba' mitt euro (€**

---

[1] Ara fost oħrajn **Il-Pulizija v. Mohamad Knaan** (Appell Numru: 479 / 2022 CSH, 7 ta' Frar 2023) u **Il-Pulizija v. Xemizin McKay** (Appell Numru 423/2022 EG, 24 ta' Mejju 2023),

**2,400). B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u tmient ijiem.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |